# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju, 2001.**

**Kawza Numru 27**

**Citazzjoni Numru 221/01 GV.**

**Doc. 117-01**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Charles Pisani**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett elef seba' mija u erbghin lira Maltija (Lm3,740) rapprezentanti import ta' sbatax (17) il-kambjala ta' mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm220) il-wahda, debitament accettabbli, skaduti minn Ottubru 1999 sa Frar 2001 u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti minn 1 sa 17 konsekuttivament u inklusivament;

Premess li ghalkemm mitlub biex ihallas diversi drabi, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Premess li l-kreditu tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm3,740 huwa cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta' attrici il-konvenut m'ghandu l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghal hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit ta' Alfred Formosa, ir-rappresentant tas-socjeta' attrici, hawn anness Dok. A;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u

2. Tikkundanna minnufih lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm3,740 fuq imsemmija dovuta kif intqal; fuq;

Bl-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala li sas-6 ta' Frar, 2001 jammonta ghal Lm238, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv, u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid prezentat kontestwalment kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 27 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi safejn jaf l-esponenti t-tlett vetturi li ghalihom jirreferu l-kambjali annessi mac-citazzjoni odjerna, inxtraw minnu minghand is-socjeta' attrici;

2. Illi fil-konfront tas-socjeta' attrici huwa ghandu pretenzjonijiet rizultanti mill-inadempjenza ta' l-istess socjeta' u dana minhabba li wahda mill-vetturi li nbieghet m'hijiex tal-kwalita' pattwita bi ksur tal-kuntratt

ta' bejgh relattiv u a rigward tat-tnejn l-ohra l-istess socjeta' irrifjutat li taghmlilhom is-*service* (ghalkemm interpellata diversi drabi) bi ksur tal-garanzija relattiva. Illi ghalhekk il-pretenzjonijiet tal-konvenut jikkonsistu f'danni li huwa sofra u li ghadu jsofri minhabba l-agir tas-socjeta' attrici. Illi l-esponenti diga' ntavola ittra ufficjali kontra s-socjeta' attrici;

3. Illi anke jekk jirrizulta li s-socjeta' attrici m'hijiex il-bejjiegha fuq il-kuntratt relattiv, trid tigi ezaminata r-rabta guridika bejn l-istess socjeta' u t-terza socjeta';

4. Illi *in ogni caso* l-fatt prospettat fl-ahhar paragrafu ta' qabel dan, l-esponenti jissottometti li ma japplikax ghal-garanzija msemmija fis-suespost, u dan ghaliex is-*service* garantit bl-istess garanzija jsir mis-socjeta' attrici u cioe' fil-garaxx taghha;

5. Illi *in ogni caso* jekk jirrizulta li s-socjeta' attrici hija l-*holder* tal-kambjali in kwistjoni, u dan wara li terza socjeta' girat l-istess kambjali favur taghha, dan l-agir biss, minhabba c-cirkostanzi msemmija fis-suespost, jikkostitwixxi *mala fede*, u sar bl-iskop li jeludi d-drittijiet ta' l-esponenti u dan ai termini ta' l-artikolu 1144 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprospetta l-*Actio Pauliana* li hija bbazata fuq il-*mala fede* kemm tad-debitur kif ukoll tal-persuna li maghha l-istess debitur ikun ikkontratta;

6. Illi fil-kuntest ta' l-ahhar paragrafu qabel dan, is-socjeta' attrici kienet ben a konoxxenza tal-fatt li wahda mill-vetturi in kwistjoni ma kienetx tal-kwalita' pattwita (sahansitra ippruvat tirrangaha u ma rnexxiliex) u a rigward taz-zewg vetturi l-ohra agixxiet direttament bi ksur tal-garanzija relattiva. L-esponenti umilment jissottometti li dan

ifisser li kontra s-socjeta' attrici jista' jaghmel kemm eccezzjonijiet kif ukoll kontro-talba.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri a fol. 41 tal-process, fejn il-konvenut eccepixxa:

Illi t-tlett vetturi li ghalihom jirreferu l-kambjali mac-citazzjoni odjerna, inxtraw mill-eccipjent minghand is-secjeta' Meridian Enterprises Co. Ltd. u cioe' l-istess socjeta' li lilha kien thallas mill-eccipjent id-depozitu fuq il-prezz ghall-istess karozzi, u dana kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok. A kif ukoll mix-xhieda moghtija mill-istess eccipjent fl-ahhar seduta, u cioe' fl-10 ta' Mejju, 2001;

Illi mill-istess kambjali jirrizulta wkoll li hija s-socjeta' attrici u mhux is-socjeta' Meridian Enterprises Co. Ltd. li kienet l-accettant fuq dawn l-istess kambjali;

Illi wkoll ma jirrizultax li l-kambjali gew girati favur is-socjeta' attrici;

Iilli ghalhekk l-istess kambjali huma nieqsa minn wiehed mill-elementi essenzjali li jikkostitwixxu obbligazzjoni valida u ezegwibbli, u cioe' l-konsiderazzjoni. F'dan il-kuntest l-eccipjent jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Appelli Kummercjali) fl-ismijiet Peter Azzopardi versus Raymond Camilleri tat-18 ta' Novembru, 1987 (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok B) li fiha l-Qorti ta' l-Appell wara li ghamlet referenza ghall-principju li obbligazzjoni naxxenti mill-kambjala hija ndipendenti mill- "*causa obbligationis*" li minhabba fiha jnharget l-istess kambjala, tghid testwalment "Dana ma jfissirx li l-kambjala tista' tkun mehtiega minghajr konsiderazzjoni ..." (sottolinjar ta' l-eccipjent).

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti; Semghet ix-xhieda bil-gurament; Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw.

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm3,740 rapprezentanti import ta' 17 il-kambjala ta' Lm220 il-wahda debitament accettati u skaduti minn Ottubru, 1999 sa Frar, 2001 u mhux imhallsa.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa li s-socjeta' attrici mhiex il-bejjieghha fuq il-kuntratt relattiv u trid tigi ezaminata r-rabta guridika bejn l-istess socjeta' u t-terza socjeta';

Eccepixxa wkoll li s-socjeta' attrici kienet inadempjenti u kkonsenjat vettura li ma kienitx tal-kwalita' pattwita';

Eccepixxa ulterjorment li l-vetturi li ghalihom jirreferu l-kambjali annessi nxtraw mill-eccipjenti minghand is-socjeta' Meridian Enterprises Co. Ltd. u cioe' l-istess socjeta' li lilha l-eccipjent kien hallas id-depozitu. Mill-kambjali jirrizulta li hija s-socjeta' attrici u mhux is-socjeta' Meridian Enterprises li kienet l-accettant fuq dawn l-istess kambjali u ma' jirrizultax li l-kambjali gew girati favur is-socjeta' attrici. Illi ghalhekk l-istess kambjali ma ghandhomx element essenzjali li jikkostitwixxu obbligazzjoni valida u ezegwibbli billi jonqoshom konsiderazzjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut.

Basikament l-eccezzjonijiet huma tnejn. Dawk li jirrigwardaw l-inadempjenza tas-socjeta' attrici li allegatament ikkonsenjat vettura li ma kienitx tal-kwalita' pattwita u l-eccezzjoni l-ohra li l-kambjali huma nieqsin minn konsiderazzjoni.

Dwar din l-ahhar eccezzjoni l-konvenut xehed li hu kien xtara tlett karozzi minghand Meridian Enterprises u kien ghamel *deposit* u b'*cheque* pagabbli lill Meridian. F'dak l-istadju hu ma kienx tkellem mas-socjeta' attrici. Imbaghad wara d-depozitu hargu kambjali u kien iffirmahom.

Mill-kambjali ezibiti jirrizulta li dawn il-kambjali hargu minn UCIM u l-konvenut kien iffirma ghalihom. Il-konvenut qed jikkontendi li ma hemmx konsiderazzjoni billi hu kien innegozja ma Meridian u l-karozzi kien xtrahom minghandha u mhux minghand UCIM.

Illi UCIM kienu hargu l-kambjali u l-konvenut kien iffirma ghalihom billi ghalkemm il-karozzi kienu jinbieghu minghand Meridian, il-finanzjament kien sar mill UCIM u l-flus kellhom jithallsu lura lill UCIM. Din kienet il-konsiderazzjoni li fuqha nhargu l-kambjali.

Kwantu ghall l-eccezzjoni l-ohra dwar allegat inadempiment tal-atturi, l-eccezzjonijiet li huma personali ghall-pussessur tal-kambjala ma jistghux idewmu l-hlas taghha, jekk ma jkunux likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja.

Jekk dawn l-eccezzjonijiet ikun jinhtiegu ezami fit-tul, is-smiegh taghhom isir f'kawza ghaliha, u sadanittant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, skond ma jidhrilha l-Qorti, m'ghandiex tkun imdewma Art. 198 Kap 13.

L-iskop tal-ligi huwa carissimu. Il-kawza proposta a bazi ta' kambjala ghandha tigi mill-Qorti ttrattata bl-aktar celerita possibbli. Il-Kummerc jitlob il-heffa u l-ghagla fil-kontrattazzjonijiet u s-soluzzjoni guridika taghhom.

Ghalhekk f'azzjoni kambjarja l-eccezzjonijiet ghandhom ikunu limitati u ristretti ghad-dokument stess (il-kambjala) u m'ghandhomx jidhlu fil-kamp ta' obbligazzjonijiet ohra. L-azzjoni kambjarja ghandha hajja ghal kollox indipendenti minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet ippreceditha jew obbligazzjoni li setghet iggenerat. L-obbligazzjonijiet emergenti huma dawk li johorgu mis-semplici firem tal-persuni li jidhru fuq il-kambjala (ara sentenza Kum. JMB Portelli vs Sullivan 17/10/89).

Illi ghalhekk l-eccezzjonijiet li huma personali ghall-pussessur tal-kambjala (tal-konvenut f'dan il-kaz) qed jigu michuda, kif ukoll l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' konsiderazzjoni.

Il-konvenut ma baqalux aktar eccezzjonijiet. Il-konvenut ma gabx provi li hu hallas il-kambjali annessi mac-citazzjoni. Anzi mix-xhieda tieghu jirrizulta li hu ma hallasx ghar-ragunijiet li semma fl-eccezzjonijiet tieghu.

Fil-kaz in ezami l-Qorti ma jidhirlix li ghandha timponi garanzija fuq l-atturi billi l-konvenut ghandu f'idejh tliet karozzi finanzjati mis-socjeta' attrici biex jaghmlu tajjeb ghall pagament. Inoltre jigi osservat li l-konvenut qed

jippretendi li karozza wahda biss ma kienitx tal-kwalita' pattwita mentri fuq ohra qed jippretendi biss li ma nghatax *service*.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut, salv impregudikat kull dritt kompetenti lill-konvenut dwar l-obbligazzjoni kontrattwali originali li semma *si et quatenus*.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**